



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0140(CNS)

9442/21
ADD 3

SCH-EVAL 65
DATAPROTECT 154
ENFOPOL 214
FRONT 213
MIGR 105
SIRIS 53
VISA 116
IXIM 109
COMIX 299

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 120 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 120 final.

Mehmuż: SWD(2021) 120 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2021
SWD(2021) 120 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Kunsill

**dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex
jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru
1053/2013**

{COM(2021) 278 final} - {SEC(2021) 225 final} - {SWD(2021) 119 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Schengen hija waħda mill-aktar kisbiet sinifikanti tal-integrazzjoni Ewropea. Hija żona li fiha jistgħu jiċċirkolaw liberament mingħajr verifiki fil-fruntieri aktar minn 420 miljun ruħ, kif ukoll oġġetti u servizzi. Schengen tikkontribwixxi għat-tħaddim tas-Suq Uniku u l-ħolqien tagħha għab miegħu benefiċċji soċjali u ekonomiċi għas-soċjetà Ewropea¹.

It-tħaddim tajjeb taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-qafas legali ta' Schengen mill-Istati Membri². Jirrikjedi sforzi komuni biex jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. L-instabbiltà fil-viċinat tal-Ewropa u lil hinn, il-kriżi tar-refuġjati fl-2015 u l-konsegwenzi tagħha, il-pandemija tal-COVID-19, u t-tħeddida terroristika ma taqta' xejn wassal biex xi Stati Membri jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni. F'xi każijiet, il-kontrolli ddaħħlu mill-ġdid diversi drabi mill-2015 'l hawn. Dawn l-iżviluppi enfasizzaw il-ħtieġa li jittejjeb it-tħaddim taż-żona Schengen u l-għodda disponibbli biex Schengen taħdem, inkluż il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen. Il-Mekkaniżmu jiwerifika u jwettaq monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri, u jikkomplementa ż-żewġ pilastru l-oħra li jiffurmaw il-Governanza ta' Schengen. Iż-żewġ pilastru l-oħra jinkludu l-miżuri fil-fruntieri esterni (il-ġestjoni tal-fruntieri esterni) u l-miżuri ta' kumpens (il-politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika ta' ritorn u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen). Minkejja li l-Mekkaniżmu huwa strument tekniku, għandu l-għan li jiffaċilita d-djalogu politiku dwar l-istat ta' Schengen. Madankollu, fl-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni ta' ħames snin, il-Mekkaniżmu ma eżerċitaż biżżejjed pressjoni politika fuq l-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqasijiet u ma wassalx għal diskussjonijiet politiċi komprensivi dwar Schengen.

Minkejja li matul l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni ta' ħames snin (2015-2019) il-Mekkaniżmu tejjeb il-valur miżjud tiegħu li iżguraw tat-tħaddim ta' Schengen, **għadd ta' nuqqasijiet żammew lill-Mekkaniżmu milli jaħdem b'mod effettiv daqs kemm seta' u għandu jaħdem, u mminaw il-potenzjal sħiħ tiegħu**. B'mod partikolari, hemm **tlit problemi interkonnessi**, li ġejjin minn nuqqasijiet fit-tfassil tal-Mekkaniżmu u fl-implimentazzjoni tiegħu:

- Fokus strateġiku limitat u frammentazzjoni sinifikanti li ma jħallux li tingħata ħarsa ġenerali tat-tħaddim ta' Schengen fl-intier tagħha li tiffaċilita d-diskussjoni politika;
- Kapacià insuffiċjenti li jidentifika u jadatta f'qasir żmien u jirreaġixxi għaċ-ċirkostanzi ġodda, għal iżviluppi u xejriet leġiżlattivi, b'mod partikolari ksur tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni; u
- Adozzjoni u implimentazzjoni bil-mod tar-rimedji b'sistema "bejn il-pari" li ma teżerċitaż il-pressjoni mistennija.

Dawn il-problemi u dak kollu marbut magħhom li jixprunahom (indikati fid-dettall fir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt) jaffettwaw it-tħaddim tal-Mekkaniżmu u, b'mod kumplessiv, iwassal biex jimminaw ir-reżiljenza taż-żona Schengen.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Bħala reazzjoni għall-isfidi ta' dan l-aħħar, il-Kummissjoni ħabbret fil-Patt il-Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, l-adozzjoni ta' Strateġija ta' Schengen li tgħaqqad inizjattivi leġiżlattivi u operazzjonali maħsuba li joħolqu Schengen aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Inizjattiva bħal din hija r-reviżjoni tal-Mekkaniżmu. **L-oġġettiv**

¹ Fl-2016 kien stmat li l-istabbiliment totali mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jiġġenera kostijiet diretti immedjati ta' bejn EUR 5 biljun u EUR 18-il biljun fis-sena, COM(2016) 120 final ta' 4.3.2016, p. 3.

² Lil hinn mill-Istati Membri tal-UE, Schengen tkopri wkoll l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein (l-hekk imsejħa "Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen"). L-Irlanda mhijiex parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni iżda mill-1 ta' Jannar 2021 se tapplika parzjalment l-acquis ta' Schengen. Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma marbuta bl-acquis ta' Schengen, madankollu, il-kontrolli fil-fruntieri interni għadhom ma tneħħewx fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri. Din il-valutazzjoni tal-impatt tirreferi għal dawn il-pajjiżi kollha bħala Stati Membri.

ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li ttejjeb it-tħaddim tal-Mekkaniżmu, tagħti spinta lill-effiċjenza tiegħu u ssaħħaħ il-pilastru tal-monitoraġġ tal-governanza ta' Schengen. SCH-EVAL għandu jkun jista' jidentifika fil-pront l-aktar nuqqasijiet sinifikanti u jindirizzahom f'qasir żmien, u jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet dwar l-istat ta' Schengen li jagħtu lok għal diskussjoni politika. Biex twieġeb għall-problemi identifikati hawn fuq, din l-inizjattiva tara li tikseb l-**objettivi speċifiċi** li ġejjin:

- **Objettiv Speċifiku 1:** Jiġu evitati l-lakuni u jiżdied il-fokus strateġiku. L-ewwel objettiv speċifiku huwa marbut l-aktar mal-ewwel problema;
- **Objettiv Speċifiku 2:** It-tqassim tal-kompiti u r-responsabbiltajiet jiġu rrazzjonalizzati, u jiġu ssimplifikati u mħaffa l-proċessi u l-proċeduri. It-tieni objettiv speċifiku huwa marbut l-aktar mat-tieni u t-tielet problema;
- **Objettiv Speċifiku 3:** Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen. It-tielet objettiv speċifiku huwa marbut mat-tieni problema;
- **Objettiv Speċifiku 4:** Jiġi ottimizzat is-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-involvement tal-korpi u l-aġenziji tal-UE, u s-sinerġiji ma' strumenti oħra. Ir-raba' objettiv speċifiku huwa marbut l-aktar mal-ewwel u t-tieni problema.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-valur miżjud tal-UE tal-inizjattiva jirriżulta mill-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri sabiex id-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen jiġu implimentati b'mod korrett u adegwat. L-evalwazzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE tiffaċilita l-paragun tal-prattiki ta' implimentazzjoni bejn l-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-effetti f'daqqa tal-implimentazzjoni fi Stati Membri differenti. Tagħmilha wkoll possibbli li jiġu identifikati nuqqasijiet li jfeġġu minn asimetriji u diverġenzi fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen li jistgħu jpoġġu friskju l-integrità ta' Schengen. Il-pressjoni mill-pari li tirriżulta mill-Mekkaniżmu tista' toħloq inċentiv addizzjonali sabiex issir implimentazzjoni korretta tar-regoli ta' Schengen.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-partijiet ikkonċernati kollha u fuq ir-rieżami ta' ħames snin tal-implimentazzjoni tar-Regolament attwali. Wara selezzjoni preliminari fejn twarrbu xi għażliet, ġew iwalutati f'dettall sħiħ, l-**għażliet ta' politika** segwenti, bħala alternattiva għax-xenarju bażi:

- **L-Għażla 1** - Din l-għażla tikkonsisti minn **bidliet operazzjonali** li jaġġustaw l-ambitu tal-evalwazzjonijiet iżda jżommu l-frammentazzjoni attwali skont il-qasam tal-politika (biex tiġi indirizzata l-problema 1 u jinkiseb l-objettiv speċifiku 1), iħaffu l-proċess ta' evalwazzjoni filwaqt li jżommu l-proċeduri attwali tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' segwitu (il-problemi 2 u 3, u l-objettiv 2), jinvolvu b'mod aħjar lill-esperti tal-Istati Membri u l-korpi / l-aġenziji tal-UE (il-problemi 1 u 2, u l-objettiv 4), u jsaħħu l-evalwazzjoni tad-drittijiet fundamentali (il-problema 2 u l-objettiv 3).
- **L-Għażla 2** - Abbażi tal-bidliet operazzjonali (skont l-Għażla 1), din l-għażla tipproponi **bidliet leġiżlattivi mmirati** biex tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt. Iżżid il-flessibilità rigward l-oqsma u l-atturi evalwati, u l-ipprogrammar (il-problema 1 u l-objettiv 1). Tissimplifika l-proċeduri u l-obbligi, u toħloq skeda ta' żmien ċara għall-atturi kollha involuti, filwaqt li jinżamm l-istess bilanċ istituzzjonali (il-problemi 2 u 3, u l-objettiv 2). Tintroduċi l-flessibilità fid-daqs tat-tim tal-evalwazzjoni u ttejjeb il-koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji tal-UE (il-problemi 1 u 2, u l-objettiv 4). Barra minn hekk, iżżid iċ-ċertezza tad-dritt rigward l-elementi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-drittijiet fundamentali u tenfasizza l-prominenza u l-importanza politika tagħhom (il-problema 2 u l-objettiv 3).
- **L-Għażla 3** - Din l-għażla tippreżenta **bidliet leġiżlattivi ambizzjużi** għall-inkorporazzjoni tal-miżuri proposti skont l-Għażliet 1 u 2 u tgħaqqadhom ma' bidliet addizzjonali fid-disinn u t-tħaddim ta' SCH-EVAL. Tespandi l-ambitu tal-Mekkaniżmu għal oqsma mmirati lil hinn mill-acquis ta' Schengen, tistabbilixxi evalwazzjonijiet komprensivi mhux artikolati skont l-oqsma tal-politika iżda skont l-Istat Membru abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-għarfen tas-sitwazzjoni, testendi t-tul taċ-ċiklu ta' evalwazzjoni għal seba' snin u toħloq għodod addizzjonali għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ adegwati għall-użu (il-problemi 1 u 2, u l-objettiv 1). Tipproponi bidliet fil-bilanċ istituzzjonali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (l-adozzjoni kkombinata tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni bil-Kunsill tiffoka l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'każijiet politikament rilevanti, jiġifieri "nuqqasijiet serji", "evalwazzjonijiet tal-ewwel darba" u "evalwazzjonijiet tematiċi") u fil-proċeduri ta' segwitu, u tintroduċi proċedura rapida għan-nuqqasijiet serji (il-problema 3 u l-objettiv 2). Timmodifika l-proċess biex jinħatru esperti mill-Istati Membri, anki billi jinħolqu grupp ta' esperti, kif ukoll timmassimizza l-koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji tal-UE u mekkaniżmi

oħra ta' kontroll tal-kwalità (il-problemi 1 u 2, u l-oġġettiv 4); u tintroduċi evalwazzjoni speċifika tad-drittijiet fundamentali (il-problema 2 u l-oġġettiv 3).

- **L-Għażla 4** - Din l-għażla tipproponi **approċċ ikkombinat** tal-miżuri proposti taħt l-għażliet l-oħra (li huma kumulattivi aktar milli alternattivi), skont il-qasam tal-intervent u l-livell ta' ambizzjoni. L-Għażla 4 tipproponi li jinżamm l-ambitu attwali b'kopertura tal-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen, filwaqt li l-prijoritajiet (oqsma ta' politika) jiġu adattati għar-realtajiet u l-atturi l-ġodda bi programmazzjoni aktar flessibbli (skont l-Għażla 2; tindirizza l-problema 1 u tikseb l-oġġettiv 1) u testendi ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni għal seba' snin (skont l-Għażla 3; il-problema 1 u l-oġġettiv 1). Twessa' l-firxa ta' għodod disponibbli u tiċċara l-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom (skont l-Għażla 3; il-problema 1 u 2 u l-oġġettiv 1). Tinkludi miżuri biex jiġihaffu l-proċeduri ta' simplifikazzjoni (skont l-Għażla 2; il-problema 3 u l-oġġettiv 2) u tibdel il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u toħloq proċedura rapida għan-nuqqasijiet serji (skont l-Għażla 3; il-problema 2 u 3, l-oġġettiv 2). Tiġbor flimkien il-miżuri kollha proposti taħt l-għażliet l-oħra biex tottimizza s-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u ttejjeb l-involvement tal-korpi u l-aġenziji tal-UE (il-problemi 1 u 2, u l-oġġettiv 4). L-għażla 4 tintroduċi bidliet biex tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt rigward elementi rilevanti għad-drittijiet fundamentali (skont l-Għażla 2; il-problema 2 u l-oġġettiv 3).

Wara valutazzjoni dettaljata u paragon tal-impatt tal-għażliet ta' politika kollha u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati, **l-Għażla ta' Politika Ppreferuta** hija l-Għażla 4. Il-fatturi li jwasslu biex tintgħażel l-Għażla 4 huma s-segwenti: l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri; il-potenzjal għas-simplifikazzjoni u għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv; valutazzjoni realistika tal-pożizzjonijiet tal-grupp ta' partijiet ikkonċernati differenti, b'kunsiderazzjoni tal-fattibbiltà Prattika u legali tal-miżuri proposti. L-għażliet ta' politika l-oħra huma esklużi peress li jindirizzaw il-problemi sa ċertu punt biss u/jew huma diffiċli li jiġu adottati/implementati.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-Kummissjoni żviluppat l-għażliet ta' politika filwaqt li qieset ir-rakkomandazzjonijiet li rċeviet matul il-konsultazzjoni, li kienet tinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti (il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili). Il-partijiet ikkonċernati kollha qablu dwar il-bidliet operazzjonali proposti mill-Għażla 1. L-Għażla 2 tippreżenta miżuri leġiżlattivi li kisbu appoġġ wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati kollha. Diversi partijiet ikkonċernati appoġġaw għadd ta' miżuri proposti skont l-Għażla 3. Madankollu, l-Istati Membri kienu partikolarment diviżi fir-rigward tal-ambitu tal-Mekkaniżmu lil hinn mill-acquis ta' Schengen, u l-ħolqien ta' evalwazzjonijiet komprensivi bbażati fuq ir-riskju. Il-partijiet ikkonċernati ma appoġġawx il-proposta ta' ħolqien ta' evalwazzjoni speċifika għad-drittijiet fundamentali. L-Għażla 4 tiġbor flimkien il-miżuri taħt it-tliet għażliet l-oħra li kisbu l-aktar appoġġ wiesa' b'mod kumplessiv mill-partijiet ikkonċernati kollha. Tadotta approċċ aktar kawt fir-rigward tal-introduzzjoni ta' evalwazzjonijiet komprensivi minħabba d-diviżjoni tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni. Din l-għażla żżomm ukoll lill-Kunsill involut fl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-aktar każijiet politikament rilevanti u żżid b'mod sinifikanti r-rwol tiegħu fis-segwitu u l-monitoraġġ tal-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, l-Għażla 4 tintegra aħjar il-kunsiderazzjonijiet rigward id-drittijiet fundamentali fl-evalwazzjonijiet mingħajr ma tiżdied parti separata, li ma kisbitx appoġġ matul il-konsultazzjoni.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Għażla ta' Politika Ppreferuta tindirizza l-problemi identifikati u twieġeb b'mod effettiv għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi ta' din l-inizjattiva. Billi tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb ta' Schengen, il-firxa ta' impatti potenzjali diretti u indiretti hija ferm wiesgħa, inklużi impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi. Madankollu, il-Valutazzjoni tal-Impatt ma tippruvax tikkwantifika l-impatti ekonomiċi indiretti; minflok, tiffoka fuq il-benefiċċji ewlenin li jirriżultaw mill-erba' għażliet ta' politika għall-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi u l-aġenziji tal-UE fl-aktar attivitajiet li jirrikjedu riżorsi. L-Għażla Ppreferuta ttejjeb il-kwalità tal-evalwazzjonijiet u tippermetti lill-Istati Membri jkollhom informazzjoni aħjar dwar is-sitwazzjoni reali fi Stati Membri oħra, u b'hekk tikkontribwixxi biex jissaħħu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet u tinbena l-fiduċja fost il-Membri. Permezz tal-ottimizzazzjoni tas-sehem tal-esperti, l-Istati Membri jiddedikaw inqas riżorsi finanzjarji għat-trasport, l-ikel u l-impjegati taċ-ċivil mobilizzati għall-evalwazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn valutazzjoni imparzjali tal-amministrazzjonijiet tagħhom u rakkomandazzjonijiet rigward l-oqsma li fihom jaf ikun meħtieġ titjib. Benefiċċju ieħor huwa t-trasferiment possibbli tal-għarfien u l-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni tibbenefika mill-koordinazzjoni ta' Mekkaniżmu mtejjeb kif ukoll mis-sehem fih billi dan jagħti lok għal monitoraġġ aħjar tal-applikazzjoni u l-implementazzjoni tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri. Jippermetti wkoll lill-Kummissjoni ssir taf bi problemi u sfidi li jfeġġu li tista' tindirizzahom permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi ġodda. Bis-saħħa ta' evalwazzjonijiet aktar effettivi, l-esperti tal-Kummissjoni jkissbu għarfien expert addizzjonali ta' benefiċċju għall-funzjoni tagħhom. L-Għażla Ppreferuta tkun ta' benefiċċju għall-korpi u l-aġenziji tal-UE. Permezz ta' aktar involviment u sinerġiji, il-korpi / l-aġenziji tal-UE jiġbru informazzjoni addizzjonali matul l-evalwazzjonijiet, li jagħti wkoll lok għall-iskambju tal-aħjar prattiki u

networking mal-kollegi mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. L-Għażla Ppreferuta tinkludi għadd ta' miżuri li jippermettu s-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Kunsill.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Għażla Ppreferuta għandha l-għan li tottimizza l-użu tar-riżorsi disponibbli. Tnaqqas il-piż kumplessiv fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni peress li tinkludi diversi miżuri li jissimplifikaw il-proċeduri u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi sabiex jingħata lok għal użu aktar effettiv tal-għodod kollha ta' evalwazzjoni. Iffeggu obbligu addizzjonali għall-korpi u l-aġenziji tal-UE, iżda dan jiġġenera kostijiet addizzjonali limitati meta mqabbla mal-impatt pożittiv sinifikanti tal-inizjattiva.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Din l-inizjattiva hija mistennija li jkollha impatt ekonomiku pożittiv peress li tikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona Schengen, u dan imbagħad iġib miegħu benefiċċji għas-Suq Uniku b'mod ġenerali u għan-negozji, inklużi l-SMEs. Għalhekk, l-għażliet ta' politika mhumieks mistennija li jkollhom impatti diretti fuq in-negozji.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-iffrankar li jsir jista' jiġi apprezat minn ċerti amministrazzjonijiet pubbliċi iżgħar u Stati Membri li llum iġorru piż sproporzjonat (jiġifieri għall-kontribut żbilanċjat ta' esperti mill-Istati Membri) għat-tħaddim tal-Mekkaniżmu.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-Mekkaniżmu għandu jiżgura r-rispett għall-obbligi rilevanti tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-għażliet kollha ta' politika għandhom impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali billi jsaħħu l-evalwazzjonijiet fl-oqsma kollha inkluża l-protezzjoni tad-*data*. Miżuri mmirati jindirizzaw ukoll lakuni fl-integrazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali b'rabta ma' ċerti Prattiki li llum jaf mhumieks koperti biżżejjed mill-Mekkaniżmu. Mhu mistenni l-ebda impatt sinifikanti fil-qasam ambjentali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

F'konformità mar-regoli dwar Regolamentazzjoni Aħjar, l-evalwazzjoni tat-tħaddim tal-Mekkaniżmu se tkun ibbażata fuq programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti. Il-Kummissjoni se tiwaluta s-suċċess kumplessiv tal-inizjattiva fi tmiem l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda - meta l-Istati Membri kollha tkun saritilhom minn tal-inqas evalwazzjoni waħda - u tippreżenta rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.